**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 157 / 14RGM**

**Kawza fil-lista: 4**

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fis-16 ta' Settembru 2000 u minn dan iz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal li llum ghadhom minorrenni, cioe' Jessica B li twieldet fl-20 ta' Ottubru 2000 u Naomi Grace li twieldet fl-14 ta' Frar 2004.

2. Illi l-partijiet ikkonkludew seperazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat 27 ta' Jannar 2007 li kopja tieghu, qed tigi hawn annessa, liema kuntratt gie varjat permezz ta' kuntratt iehor konkluz bejn il-partijiet bl-approvazzjoni tal-Qorti, datat 10 ta' Gunju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin.

3. Illi permezz tal-klawsola 4.7 et seq., il-kura u kustodja ta' wlied minuri tal-partijiet giet akkordata konguntivament liz-zewg partijiet b'dan illi l-minuri

ghandhom jirrisjedu ma' ommhom li giet fdata wkoll bil-kura kwotidjana taghhom.

4. Illi b'danakollu, skont kif ghandu jirrizulta b'mod manifest mit-termini ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti ma kinitx assisitita legalment waqt il-process tas-separazzioni u fost affarijiet ohra, id-dritt ta' access ghall-minuri li gie akkordat a favur ta' l-intimat, jidher li ma gie soggett ghal ebda limitazzioni jew rizerva, la in kwantu granet u lanqas in kwantu ghal hinijiet, oltre li l-ghotja ta' preavviz ta' erbgha u ghoxrin (24) siegha. Fil-fatt, il-kuntratt jipprovdi testwalment, is-segwenti:-

"The Husband shall have free access to the Minor children by giving due notice twenty four (24) hours beforehand to the wife when exercising access."

5. Illi dan il-provvediment fil-kuntratt qieghed ikun il-kagun ta’ dizgwid profond u divergerzi serji bejn il-partijiet rigward il-modalitajiet tad-dritt ta' access ezercitat mill-intimat, liema dizgwid qieghed ukoll illum ikollu effett negattiv fuq ulied il-partijiet, li huma konxji dwar il-mod kif missierhom, u nannuhom patern, jigu biex jezercitaw l-access li suppost huwa ta' missierhom;

6. Illi fid-determinazzjoni ta' dawn il-modalitajiet ta’ l-access, l-esponenti ma ghandha l-ebda involviment, bil-konsegwenza illi l-intimat jibghat jinforma lil martu meta gej jigbor lil uliedu u kemm bi hsiebu jzommhom mieghu, fid-diskrezzjoni assoluta tieghu u ta' missieru. F'dawn l-ahhar snin, l-intimat iddecieda illi s-sistema generali u informali rigward l-access, ghandha tkun illi huwa jigi jigbor, dejjem flimkien ma' missieru, il-minuri mid-dar ta' ommhom l-esponenti nhar ta' Gimgha filghaxija, u jirritornahom nhar ta' Hadd filghaxija, gieli anke sat-8.00 p.m. anke fix-Xitwa. B'danakollu, l-intimat mhux l-ewwel darba li jfettillu jiddeciedi li ser jezercita l-access tieghu ghal uliedu gimgha wara gimgha minn nhar l-Erbgha sa nhar il-Hadd filghaxija waqt ix-xhur tas-sajf. Inoltre mhux l-ewwel darba wkoll li l-intimat jibghat javza lill-esponenti wara li jkun gabar il-minuri, li mhux ser igibhom lura kif indikat u li ser izomm lil uliedu gurnata ulterjuri jew iktar minn hekk.

7. Illi oltre l-fatt illi l-esponenti la tista' taghmel pjanijiet ma’ uliedha u lanqas tista' tara u tgawdi lill-istess uliedha fil-weekends, l-intimat jahdem bhala suldat fuq shift system u ghalhekk gie li jkun xoghol fil-granet u ljieli meta jkun iddecieda li jezercita l-access tieghu ghal uliedu. Izda minkejja dan, huwa xorta wahda jinsisti li jkollu access ghal uliedu u jibghathom jorqdu ghand missieru. Illi infatti, mhux l-ewwel darba li l-minuri jqattghu l-ijlieli fil-weekends, kif ukoll nhar ta' Hadd minn filghodu sa filghaxija, man-nanniet paterni ghax missierhom ikun xoghol, minflok iqattghu xi gurnata fil-weekend ma’ ommhom li ilha diversi snin issa li ma tarax lil uliedha fil-weekends;

8. Illi dan il-komportament ta' l-intimat fir-rigward ta' l-ezercizzju ta’ l-access ghal uliedu, oltre li huwa abbuz mid-dritt ta' access tieghu ghal uliedu, ma jista' qatt jitqies illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri stante illi apparti li t-tfal jispiccaw ma jqattghu l-ebda *leisure time* ma’ ommhom, u jkunu biss ma' missierhom jew man-nanniet paterni fil-weekends, ir-rizultat prattiku huwa wkoll illi l-esponenti ma’ tista’ qatt taghmel pjanijiet ma' uliedha f'ebda hin ma jmurx l-intimat, erbgha u ghoxrin (24) siegha qabel, jigi u jinsisti li jezercita l-access ghal uliedu, oltre l-hinijiet mhux prattici li joghgbu jiddetta ghar-ritorn tal-minuri minghajr konsiderazzjoni ghall-ahjar interessi ta’ uliedu.

9. Illi inoltre, skont il-provvedimenti tal-klawsola 4.12 tal-kuntratt datat 27 ta' Jannar 2007 kif emendat sussegwentement bl-att korrettorju datat 10 ta' Gunju 2010, il-manteniment pagabbli mill-intimat ghall-bzonnijiet ta' wliedu minuri gie stabbilit fis-somma ta’ mija u sittax-il Euro (€116.00) fix-xahar ghal kull wild. Ghalkemm l-ammont dak iz-zmien certament li diga' kien wiehed mhux idoneju, illum, meta l-minuri ghandhom tlettax (13) u ghaxar (10) snin rispettivament, is-somma ta' €116.00 fix-xahar ghal kull wild, bhala sehem l-intimat tal-manteniment taghhom, ma hija xejn hlief mizera u lanqas tibda tkopri l-bzonnijiet taz-zewg ibniet minuri li llum ghandhom ferm iktar bzonnijiet milli kellhom qatt qabel u jehtiegu nefqa iktar sostanzjali ghall-ghajxien taghhom. Konsegwentement jezisti tibdil supervenjenti fil-bzonnijiet tal-minuri li jiggustifika awment fis-somma mensili stabbilita ai termini tad-disposizzjonijiet tal-klawsola numru 4.12 tal-kuntratt datat 27 ta’ Jannar 2007, ossia varjazzjoni fl-obbligu ta' l-intimat ghall-hlas ta’ manteniment ghal uliedu.

10. Illi ta' min isemmi wkoll f'dan il-kuntest tal-manteniment tal-minuri illi l-intimat qieghed jirrifjuta wkoll minghajr ebda raguni valida illi jirrifondi lill-esponenti nofs l-ispejjez medici u edukattivi li hija tonfoq ghal uliedha, bi ksur ta' l-obbligu tieghu ai termini tal-klawsola numru 4.12.

RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

11. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom (klawsola 4.1) il-partijiet ftiehmu illi f’kaz ta' nuqqas ta' qbil bejniethom fuq kwalsiasi kwistjoni koncernanti l-minuri, huma jkunu awtorizzah illi jipprocedu quddiem il-Qorti Civili f’Sezzjoni tal-Familja sabiex il-Qorti tirrisolvi l-vertenza hija stess ghall-partijiet.

12. Illi in fatti, in vista ta' dan l-abbuz mid-dritt ta' access ezercitat mill-intimat, u n-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet rigward il-kwistjonijiet ta' l-access u manteniment, l-esponenti pprocediet bi proceduri ta' medjazzjoni (ittra numru 1556/13 li nghalqu wara l-intimat ma kienx propens illi jigu stabbiliti modalitajiet

fissi ghall-access b'ebda mod u lanqas illi jaccetta xi awment fil-hlas tal manteniment ghal uliedu minuri.

13. Illi l-esponenti temmen illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi jigu varjati l-kundizzjonijiet dwar l-ezercizzju tad-dritt ta' access ta’ l-intimat ghal uliedu kif ukoll l-ammont li huwa obbligat ihallas in linea ta' manteniment ghal uliedu stante illi dan huwa insufficienti ghall-bzonnijiet tallum tal-minuri, u f'dawn ic-cirkostanzi hija ma baqghalha l-ebda alternattiva hlief illi taghmel din il-kawza sabiex dina l-Qorti tiddetermina hija stess, il-modalitajiet ta' l-access li l-intimat ghandu jezercita ghal uliedu u l-awment fl-ammont ta' manteniment stabbilit skont il-kuntratt ta' separazzjoni, tenut kont l-ahjar interess tal-minuri f'kull aspett.

14. Illi fil-kuntest tal-kwistjoni ta' l-access, l-esponenti tiddikjara minn issa illi hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi l-access ta' l-intimat ghal uliedu minuri jigi ezercitat kull weekend min-nhar il-Gimgha filghaxija sa nhar il-Hadd filghaxija, izda tixtieq illi l-access ikun limitat ghal dawn il-granet, hlief ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru meta ghandhom jibqghu japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-klawsola 4.7 tal-kuntratt u ghall-okkazzjonijiet tal-Milied u birthdays ta' l-intimat u tal-minuri u Jum il-Missier, meta l-intimat ghandu jkollu access addizzjonali.

15. Illi permezz ta' Digriet moghti fis-26 ta' Mejju 2014 li jgib in-Numru 1120/2014, l-esponenti giet awtorizzata illi tipprocedi b' din l-istanza.

16. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess u prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment li jidhrilha opportun, titlob illi dina l-Qorti joghgobha: -

Previa n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, fosthom Avukat tat-Tfal u/jew psikologu, fl-ahjar interess tal-minuri Jessica B u Naomi Grace ahwa C, tvarja l-provvedimenti tal-kuntratt ta' separazzjoni datata 27 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (kif emendat sussegwentement b'kuntratt iehor in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin datat 10 ta' Gunju 2010) in kwantu ghall-klawsola numru 4.5, u dana fl-ahjar interess tal-minuri, billi:

Tistabbilixxi li l-access ta' l-intimat ghal uliedu minuri ghandu jigi ezercitat kull weekend min-nhar il-Gimgha filghaxija sa nhar il-Hadd filghaxija, u illi l-access ikun limitat ghal dawn il-granet hlief ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru

meta ghandhom jibqghu japplikaw id-disposizzjonijiet ghal-klawsola 4.7 tal-kuntratt u ghall-okkazzionijiet tal-Milied u birthdays ta' l-intimat u tal-minuri u Jum il-Missier, meta l-intimat ghandu jkollu access addizzjonali, jew fi granet u hinijiet ohra li jidhrulha xierqa u opportuni.

Tiddikjara illi l-bzonnijiet tal-minuri Jessica B u Naomi Grace zdiedu u li l-manteniment pagabbli skont il-klawsola numru 4.12 tal-kuntratt ta' separazzjoni datata 27 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, kif emendat sussegwentement b'kuntratt iehor in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin datat 10 ta' Gunju 2010, ma huwiex idonju, u konsegwentement tvarja din il-klawsola b'dan illi l-manteniment dovut mill-intimat ghall-bzonnijiet ta' wliedu minuri, jigi awmentat ghas-somma ohra li dina l-Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-proceduri ta’ medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-intimat li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament premessa li fuqha qed isir it-talba f'dawn il-proceduri u cioe' l-paragrafu hdax (11) tar-rikors guramentat jaghti interpretazzjoni skoretta tal-klawsola 4.1 tal-kuntratt ta' separazzjoni maghmul bejn ir-rikorrenti u l-intimat in atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 27 ta' Jannar 2007 stante li dik il-klawsola titkellem fuq id-decizjonijiet l-kbar - "major decisions" - li l-partijiet huma mistennija li jiehdu flimkien dwar il-materji msemmija fl-istess paragrafu tal-kuntratt ta' separazzjoni u ghaldaqstant mhux dwar l-access ghall-minuri jew il-manteniment favur taghhom;

2. Illi inoltre, fil-premessi ghaliex qed tressaq dawn il-proceduri, ir-rikorrenti tghid illi ma kienitx assistita liema raguni ma tistax twassal ghall-nullita ta' l-istess kuntratt u dana skont il-provedimenti ta' l-artikolu 488 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi dak li qed jigi affermar fil-paragrafi 12 u 14 u t-talba 1.i tar-rikors guramentat hemm konflingenza stante li dak li fil-paragrafu 12 qed jigi, fi kliem ir-rikorrenti, deskritt bhala access abbuziv qed jigi sancit u mitlub mill-istess rikorrenti fil-paragrafu 14 u t-talba 1.i ta' l-istess rikors;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-artikou 61 tal-Kap 16 jipprovdi ghall-intervent tal-Qorti kompetenti meta huwa mehtieg ghall-gid ta' tfal u ghaldaqstant fil-premessi taghha r-rikorrenti kellha tispjega fejn l-modalitajiet prezenti mhumiex ta' gid ghall-minuri aktar milli x'inhu l-aktar konvenjenti ghalija;

5. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni, l-access tal-minuri qieghed jigi ezercitat fl-ahjar interess tal-minuri stess tant li hekk ilu ssir ghal sebgha snin shah minghajr problemi filwaqt li fir-rispett tal-manteniment li qed jinghata lill-omm favur il-minuri huwa biss parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja li l-intimat qieghed jaghmel versu l-minuri;

6. Illi ghar-ragunijiet premessi u salvi eccezzjonijiet ohra permessibbli bil-Ligi, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fl-1 ta' Ottubru 2014;

Rat d-digriet moghti seduta stante fit-8 ta' Ottubru 2014 meta l-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-konvenut jezercita l-access taz-zewg uliedu Jessica u Naomi mill-Gimgha fl-3.45pm sal-Hadd fis-6pm b'dan li l-konvenut jigbor lill-minuri mill-iskola u jirritorna l-istess minuri ghand ommhom;

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta' Ottubru 2014 li maghha annettiet diversi dokumenti dwar l-ispejjez li ghandha u l-beneficcji li tircevi;

Rat id-digriet moghti 'seduta stante' fil-25 ta' Novembru 2014 dwar l-access ghat-tfal fi zmien il-Milied u L-Ewwel tas-Sena, fl-istess seduta gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistant Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Joseph Magri ghall-Forzi Armati ta' Malta li xehed fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015 u fis-seduta tat-22 ta' April 2015, u l-kontroezami tieghu li sar fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Saviour Theuma, li xehed ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ta' Reuben Bonnici ghall-Arms li xeheu fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2015, l-istess Reuben Bonnici rega' xehed fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2015, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Charmaine C, oht il-konvenut li xehdet fl-istess seduta;

Rat ix-xhieda ta' Dun Karm Tanti li jiehu hsieb il-Youth Centre il-Gzira li xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Dorita Agius, ghall-Pembroke Athleta, u ta' Peter C, missier il-konvenut, li xehdu fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat c-certifikat rilaxxjat mill-Psikjatra Dr D Micallaf dwar it-tifla Jessica, Dok PB1 esebit fl-istess seduta;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 meta il-kawza giet differita ghallum sentenza bil-fakulta' lill-partijiet li jsiru noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet, tal-attrici pprezentata fil-21 ta' Lulju 2016, tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta' Settembru 2016.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 28 et seq, ikkonfermat li hi u zewgha sseparaw b'kuntratt tas-27 ta' Jannar 2007 ghandhom zewgt ibniet li fiz-zmien tas-separazzjoni kellhom seba snin u tlett snin. Xehdet illi dak iz-zmien kellha erbgha u ghoxrin sena u ma kellhiex avukat billi missier ir-ragel kien inkarika avukat li kellu jiehu hsieb l-interessi taz-zewg partijiet. F'dak iz-zmien billi ma kinitx tahdem u kellha zewgt itfal zghar accettat, l-unika preokkupazzjoni taghha kienet li hi jkollha l-kura u l-kustodja tat-tfal u li jirrisjedu maghha. Minn dak iz-zmien kellha tifel iehor li hu dizabbli.

Fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu ftehmu li r-ragel ikollu access liberu ghat-tfal purche' jghatiha preavviz ta' 24 siegha. Biz-zmien ir-ragel dahal f'rutina li jigbor it-tfal il-Gimgha u jirritornhom il-Hadd. Hu ma jsuqx u kien jmur ghat-tfal ma missieru fil-karozza tieghu. Fil-kuntratt ma gewx specifikati hinijiet ghall-access, hlief li jaghtiha preavviz ta' 24 siegha. Dan fil-prattika kien jfisser li zewgha kien jinfurmha 24 siegha qabel li kien ser jmur ghat-tfal bla ebda limitu kemm kien ser izzommhom. Hi ghalhekk qatt ma setghet taghmel pjanijiet bit-tfal, billi jekk fl-ahhar minuta r-ragel jiddeciedi li kien ser jmur ghalihom kien jkollha tikkancella.

Xehdet li l-konvenut kien jiehu lit-tfal fil-weekend anke mata kien ikun xoghol u t-tfal iqattghu l-weekend kollu mal-genituri tieghu. In-nanna paterna iccempillha kuljum pero' missieru qatt ma jicempilha fil-weekends. Hi ma tantx tmur tajjeb mieghu billi dejjem jirrimproverha anke quddiem it-tfal. Hi rrifjutat li missieru jigbor it-tfal u dejjem insistiet li t-tfal jigborhom missierhom.

Qatt ma kien jkollha zmien tqatta' *quality time* mat-tfal billi kienu jkunu maghha matul il-gimgha meta kien jkollhom il-homework.  Fis-sajf is-sitwazzjoni kienet ghar billi kellu access ghal gimgha shiha f'Lulju, f'Awissu u f'Settembru. Kien johodhom mill-Erbgha sal-Erbgha ta' wara u l-Gimgha kien jerga johohom ghal weekend. Dan kien jfisser li f'ghaxar tijiem hi kienet tara lit-tfal ghal anqas minn 48 siegha.

Anke fil-vakanzi tal-iskola kien jiehu it-tfal ghal erba' tijiem u meta toggezzjona kien jghidilha li hu kien obbligat biss li jaghtiha preavviz ta' 24 siegha.  Meta ommha giet Malta mir-Renju Unit ghal vakanza u biex tara t-tfal talbitu biex izzomm it-tfal ghal weekend, pero' hu rrifjuta u qalilha li jaccetta kemm-il darba hi taccetta li nhar ta' gimgha meta ma jkunx jista', m'hemmx bzonn jigi ghalihom hu.  Hi rrifjutat billi hu obbligu tieghu li jmur ghat-tfal hu.

Hu jiehu vantagg mill-fatt li missieru jghinu biex jigbor it-tfal u anke li l-obbligu li ghandu hu biss li jaghtiha preavviz ta' 24 siegha. Jghidilha meta jkun ser jigborhom izda ma jghidilhiex meta ser jirritornhom. Hu jghid li mhux obbligat jghidilha meta u x'hin jirritornhom.

Hi ilha tghix f'Marsascala bit-tfal ghal dawn l-ahhar tmien snin u meta l-konvenut u missieru jmorru ghat-tfal gieli jinqabbdu fit-traffiku u meta jasslu jdoqqu kontinwament l-horn tal-vettura biex t-tfal jaghgglu, f'xi drabi l-anqas taw chance lit-tifla tbiddel l-uniformi tal-iskola.

Din hi sitwazzjoni infelici hafna ghall-attrici, u ghalkemm ipprovat anke permezz tal-medjazzjoni li tasal fi ftiehem ahjar u jinqata' dan l-abbuz tal-preavviz ta' 24 siegha, hu rrifjuta li jikkopera. Hi kienet ipproponiet fil-medjazzjoni li l-access jigi ezercitat weekend mal-missier u l-weekend sussegwenti mal-omm, pero' wara rrealizzat li Naomi tattendi ghal football training sessions f'Pembroke fejn jghix missierha u Jessica tmur l-youth club tal-Gzira kull nhar ta' gimgha, johodha u jigborha missierha. Kien ghalhekk li accettat li it-tfal jmorru mal-missier fil-weekend, anke jekk taf li billi hu suldat u jahdem bix-shift gieli jkun xoghol bil-lejl u t-tfal joqghodu man-nanniet paterni. Hi ma toggezzjonax ghal dan ghax taf li n-nanniet jhobbuhom lit-tfal pero' tilmenta mill-fatt li hi ma ghandhiex din l-opportunita' li jkollha *quality time* mat-tfal fil-weekend.  Hi tilmenta ukoll mill-fatt li t-tfal jkunu esposti ghall-kummenti denigratorji fil-konfront taghha u tat-tifel dizabbli li ghandha mir-relazzjoni prezenti.

Dwar il-manteniment l-attrici tiddikjara li meta sar l-kuntratt it-tfal kellhom sitt snin u sentejn rispettivament u kien gie miftiehem LM 50 fix-xahar ghal kull tifla, cioe' LM100 fix-xahar l-ekwivalenti ta' Euro232. Illum it-tfal ghandhom erbatax il-sena u ghaxar snin rispettivament u l-htigijiet taghhom kibru izda l-konvenut qatt ma accetta li jizdied il-manteniment.

Hi ddikjarat li ma tahdimx u tircevi Assistenza Socjali ta' Euro 468 fix-xahar, tircevi l-ammont ta' Euro 577 kull tlett xhur bhala Children's Allowance, tircevi ukoll diability allowance ghall-binha z-zghir Omar. Hi tinsisti li l-manteniment ghandu jizdied ghall-ammont decenti b'mod li l-konvenut jkun qed validatament jikkontribwixxi ghall-htigijiet ta' uliedu.

Hi tircevi sussidju tal-kera u ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, pero' ghalkemm tibghatlu il-kontijiet tal-iskola u dawk medici li skont il-kuntratt kellhom jithallsu bin-nofs bejniethom, hu qatt ma jhallas sehemu. Dwar medicini hu jikkontendi li ma ghandux jhallas jekk dawn jinghataw b'xejn; l-attrici pero' tikkontendi li mhux il-medicini kollha jinghataw b'xejn u hi mhux dejjem tkun tista' tmur il-Polyclinic. It-tifla Jessica tbaghti minn allergija u tiehu Zyrtec, li hu jirrifjuta li jhallas.

L-attrici pprezentat elenku tal-ispejjez li ghandha li f'sena jammontaw ghal Euro 9,840 Dok E Fol 40.

**Joseph Magro, Kaptan fil-Forzi Armati ta' Malta**, Fol 100, esebixxa l-FS3 Forms mis-sena 2007 sas-sena 2013 dwar s-salarju gross li jircevi l-konvenut. Jirrizulta mid-Dok JM8 Fol 110 li l-konvenut rceva s-salarji segwenti:

Sena 2007 total ta' Euro 14,815.75
Sena 2008 total ta' Euro 15,494.77
Sena 2009 total ta' Euro 16,753.81
Sena 2010 total ta' Euro18,070.36
Sena 2011 total ta' Euro 18,132.38
Sena 2012 total ta' Euro 16,671.47
Sena 2013 total ta' Euro 18,664.30
Sena 2014 total ta' Euro 19,465.31

**D C, il-konvenut**, in kontroezami ddikjara, Fol 115, li hu jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta u ghandu income iehor billi jzomm studenti fid-dar. Qal li dan ghamlu bi prova biex jara jekk 'l quddiem it-tifla l-kbira tkunx tista' taghmel dan ix-xoghol. Billi hareg sodisfatt li t-tifla kapaci ghal dan x-xoghol ddikjara li mhux ser jibqa jgib studenti. Hu stqarr li minn din l-attivita' qala' bejn Euro 900 u Euro 1000 f'hames xhur. Mistoqsi jekk kienx ser iwaqqafhom immedjatament irrisponda li ma jistax u li l- EF Language School tibghatlu l-istudenti billi ghandu kuntratt maghha.

**A B C**, l-attrici, in kontroezai, Fol. 117 iddikjarat li l-partner taghha jaghtiha flus meta jkollha bzonn pero' il-kera thallsu hi biss. Hi kkonfermat li tircevi sussidju ta' Euro 93.73 li minnhom Euro 80 huma sussidju fuq il-kera u Euro 13.75

sussidju billi it-tifel ghandu dizabilita'. Ghalkemm applikat mal-Awtorita' tad-Djar qatt ma nghatat post bil-kera minn ghand l-Awtorita'. Iddikjarat li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma mahruga mill-Arms Limited jitnaqqsulha b'20%, billi tircevi l-Assistenza Socjali.

Il-konvenut kien jhallas ghal sehemu mill-ispejjez tal-medicini, pero' wara li bdiet il-kawza ma baqax jhallas sehemu. Dwar medicini kkonfermat li billi ghandha il-karta r-roza tikkwalifika ghall-medicini b'xejn pero' tkun trid tistenna xi tlett sieghat. It-tifla l-kbira Jessica tkun trid Euro 3 kull jum biex bhal shabha tixtri mit-tuck shop u li l-kuntratt tad-dar kien ser jiskadi fi zmien xahar u biex tiggeded il-kirja trid tithallas l-assikurazzjoni b'mod li l-kera tizdied ghal Euro 370 fix-xahar.

**D C, il-konvenut**, xehed fis-seduta tat-22 ta' April 2015, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju Fol 163. Hu kkonferma li hu u l-attrici kellhom zewgt ibniet, Jessica ta' erbatax il-sena u Naomi ta' hdax il-sena, u li hu jhallas Euro 116 fix-xahar ghal kull tifla b'kollox Euro 232 fix-xahar. It-tfal jghixu nofs s-sena mieghu u nofs is-sena ma' ommhom billi il-Gimgha,is-Sibt u l-Hadd ta' kull gimgha jkunu mieghu. Fit-tlett xhur tas-Sajf, skont il-kuntratt ta' separazzjoni jaghmlu gimgha shiha mieghu kull xahar. Fil-holidays tal-Milied it-tfal jaghmlu gimgha ghand l-omm u gimgha ghand il-missier. Hu ddikjara li jixtri l-hwejjeg ghat-tfal u jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-post fejn jghixu mieghu ghal nofs s-sena. It-tifla Naomi tilghab il-football u jhallsilha Euro 140 fis-sena u jixtrilha l-kit. It-tifla l-ohra Jessica tmur il-Youth Centre u jaghtiha Euro 10 bhala pocket money fil-gimgha. Hu jhallas nofs l-ispejjez tal-iskola, stationery u uniformijiet. Hu ddikjara li hallas Euro 100 nofs il-kont ta' vizti medici tat-tabib. B'referenza ghal ricevuta in partikolari ddikjara li t-tfal qalulu li ma kienux morda u ghalhekk ma kienx jaf ghal min kienet tirriferi din r-ricevuta li gie mitlub ihallas.

**Saviour Theuma**, ghad-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali** Fol 166, xehed dwar il-beneficcji socjali li tircevi l-attrici. Dawn huma elenkati fid-dokument minnu pprezentat Dok ST1 Fol 154 u 155.

**Reuben Bonnici**, ghal **Arms Limited** xehed dwar s-sussidju li tircevi l-attrici Fol 168. Is-sussidju jinhadem pro rata skont il-konsum li jkun sar f'dak il-perjodu u skont in-numru ta' nies registrati fuq il-post.

**Charmaine C**, oht il-konvenut, Fol 174 iddikjarat li r-relazzjoni taghha maz-zewgt ibniet hi tajba hafna. It-tnejn huma qrib taghha partikolarment l-kbira. Hi ghamlet zmien tiehu hsiebhom meta ommhom kienet imsiefra. L-attrici riedet tmur is-Syria biex tara il-familja tar-ragel taghha ghal xi xahrejn u hi kienet zammet lit-tfal u l-attrici qaltilha biex il-manteniment jithallas direttament lilha

peress li t-tfal kienu maghha u in fatti huwha, l-konvenut kien ghadda l-flus lilha. Il-flus servewha, xtratilhom xi hwejjeg u t-tfal ma kien jomqoshom xejn. Hi ddikjarat li fit-2013 kellha partner li jigi hu r-ragel tal-attrici, pero ma baqghetx mieghu u kien harqilha il-karozza. Kellhom incident fit-23 ta' Awwissu, kien kissrilhom il-hgieg tal-vettura u minn dak iz-zmien qalet li "Joanne bdiet timpika maghna". Dan kien xi sentejn qabel. F'dak iz-zmien l-attrici qatt ma kienet oggezzjonat dwar t-tfal billi dejjem hadu hsiebhom u kienu jixtrulhom anke hwejjeg. Il-problemi bdew mit-2013, u partikolarment bl-incident tat-23 ta' Awwissu 2015. Hi ddikjarat li ghandha tifel daqs Naomi, tlett xhur biss hemm bejniethom u jingiebu hafna, daqs li kieku kienu ahwa.

**Dun Karm Tanti,** ikkonferma, Fol 224, li x-xoghol tieghu hu li jiehu hsieb il-**Youth Centre fil-Parocca tal-Gzira**. Ikkonferma li jaf lil Jessica C billi din tiffrekwenta c-Centru fejn jsiru laqghat darba fil-gimgha, kull nhar ta' Gimgha, mixed billi jattendu guvintur u xebbiet. Fil-laqghat jigu diskussi temi differenti kemm religuzi kif ukoll socjali. Ikollhom ukoll attivitajiet socjali bhal hrug flimkien, seminars u anke xi live in. Jessica tattendi pero' gieli tfalli ukoll, fil-bidu kienet rizervata pero' biz-zmien bdiet titkellem u tintegra ma'zghazagh ohra.

**Dorita Agius,** li xehdet ghall-**Pembroke Athleta**, Fol 229, ikkonfermat li hi administrator tat-team tal-football u Naomi li ghandha 12 il-sena ilha taddendi ghal dawn l-ahhar erba' snin. Kienet bdiet mal-under 11, u illum qieghda fl-under 14. Hi tattendi l-Gimgha, s-Sibt u l-Hadd pero' matul il-gmgha ma tattendix. Hi tipprometti hafna u dwarha kien kellimha t-technical director tan-national team. Il-fatt li ma tattendix matul il-gimgha ghat-training ghan-national team jista' jkun problema. Darba giet maghzula biex tilghab man-national team pero' billi kien it-Tlieta ma marritx ghal-loghba. Kienet qaltilha li ma kellha lil hadd biex jwassalha. Dan kien fl-ahhar tas-sajf tat-2015.

**Peter C,** missier il-konvenut, ddikjara, Fol 230 et seq li hu n-nannu ta' Jessica u Naomi. Hu kien jmur ghal Jessica mill-iskola u johodha id-dar biex tiekol, u kien johodha l-Muzew u jgiebha lura. Meta l-attrici marret tghix Marsascala kienu ftehmu li hi tohodhom il-Furjana u hu kien jigborhom minn hemm. Pero' dan il-ftehiem ma tantx dam u ghalhekk beda jmur ghalihom Marsascala. Billi Jessica kienet torqod ghal xi tlett snin fl-istess sodda mieghu u martu, kienet close hafna maghhom u fil-bidu ma riditx tmur Marsascala. Ma kinitx qed tmur tajjeb fl-iskola u ddecidew li kellha bzonn facilitator, u billi kellhom bzonn certifikat mediku ghall-iskola kien hadha ghand il-Psikjatra D Micallef, li rrilaxxja certifikat mediku minnu pprezentat u market Dok PB1. Wara hames snin bdiet tmur skola Santa Lucija fejn bdiet tmur ahjar. Kien imur ghat-tfal il-Gimgha minghand l-attrici u jirritornhom ghandha il-Hadd. Dejjem kien jmur wahdu ghalihom, il-konvenut ma kienx jmur mieghu, u r-relazzjoni tieghu mal-attrici kienet tajba billi kien anke jsewwilha il-washing machine jew xi shower.

Darba inqala' l-inkwit meta hu mar jigbor it-tfal minn Wied il-Ghajn u kellu mieghu lit-tifla Charmaine. Il-partner ta' Joanne attakkah b'hadida, u ta daqqa' ta' ponn fuq il-hgiega tal-van fejn kien hemm it-tfal u kissirha. Wara marru l-Ghassa u ghamlu rapport. It-tfal ghamlu weekend maghhom u wara ma riedux jirritornaw ghand ommhom. Marru ghalihom Joanne u l-partner u ikkonvincuhom biex jmorru. Wara Joanne siefret ghal gimgha u tfal regghu marru ghandhom, anke peress li D kien jkun xoghol. Normalment kienet issiefer ghal gimgha pero' darba minnhom siefret ghal xahrejn u kienet ghamlet arrangjamenti mat-tifla tieghu.

In kontroezami kkonferma li l-konvenut meta l-attrici kienet msiefra kien jghaddi l-manteniment lill-bintu Charmaine. Huma kienu jixtrullhom il-hwejjeg u t-tfal kellhom hwejjeg ghandu, ghand D u ghand Joanne. Il-partner ta' Joanne ma jghix maghha pero' jmur fid-dar taghha. Hu cahad li lit-tfal kien qalilhom li kien ser joqtol lil Joanne.

**Il-konvenut D C**, in kontroezami, Fol 239, ikkonferma li jahdem ta' suldat, day, night, rest u off. Ix-xift hu ta'12 il-siegha u fil-weekend jkun hemm gurnata fejn jkun xoghol. It-tfal xorta wahda jmorru ghall-attivitajiet taghhom billi jmorru mal-kugini. Meta jkun xoghol bil-lejl t-tfal jorqdu ma' ommu u missieru. Kienu ftehmu li fil-vakanzi tal-Milied it-tfal jaghmlu gimgha ghand l-omm u gimgha ghandu, pero' dan ma baqax jsir meta bdiet il-kawza. Meta tfal jkunu mieghu, ommhom ma kinitx tatihom hwejjeg u ghalhekk hu xtralhom il-hwejjeg li jilbsu meta jkunu mieghu. Lil Jessica jaghtiha Euro 10 fil-gimgha pocket money billi tmur il-Youth Centre. It-tfal kienu jmorru horse riding u l-ahhar li hallas ghall-ispejjez tal-iskola kien f'Ottubru 2015. Hu jghid li qabel ihallas jkun jrid jara r-ricevuti u l-oggetti li tkun xtrat.

Hu qal li l-attrici ghandha il-karta r-roza u l-medicini tista' jgibhom b'xejn, meta tixtrihom taghmel hekk ghall-kumdita' taghha. Hi llum ghandha erbat itfal, tnejn minnhom ma humhiex tieghu. Mistoqsi jekk jaqbel li biex tiffranka xi haga zghira toqghod tistena ghal sieghat twal irrisponda "Ghalhiex le". It-tfal studenti kien jgiebhom bejn Awwissu 2014 u Dicembru 2015.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fis-16 ta' Settembru 2000 u kellhom zewgt itfal, Jessica B li twieldet fl-20 ta' Ottubru 2000 u Naomi Grace li twieldet fl-14 ta' Frar 2004. Huma sseparaw b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Robert John Muscat fis-27 ta' Jannar 2007 li gie emendat b'kuntratt pubblikat minn Nuttar Dottor Henri' Darmanin fl-10 ta' Gunju 2010.

Il-paragrafu 4.1 fl-ewwel kuntratt, paragrafu li ma giex emendat bil-kuntratt sussegwenti jghid hekk:

"The parties agree that the Minor Children shall for the duration of their minority remain subject to the care, custody and authority of both their parents, the said spouses C, who shall jointly take all major decisions concerning the welfare, upbringing, health, education and extra-curricular activities of the Minor Children. The parties agree that the paramount consideration in reaching the said decisions concerning the Minor Children will in all cases be the interest of the said Minor Children. In case of disagreement, the parties agree that failure to reach an agreement on any matter concerning the minors will authorize either of them to seek a remedy from the Civil Court (Family Section), which shall decide for the parties on the issue."

Skont l-paragrafu 4.3 it-tfal ghandhom jirrisjedu mal-omm fejn taghzel li tistabbilixxi r-residenza taghha f'Malta li hi fdata bil-kura taghhom, para 4.4 u skont il-Para 4.5:

" The Husband shall have free access to the Minor Children by giving due notice twenty-four (24) hours beforehand to the Wife when exercising access."

Skont il-paragrafu 4.7 ir-ragel hu awtorrizzat izomm it-tfal mieghu ghal gimgha, f'Lulju, Awwissu u Settembru ta' kull sena.

Dwar manteniment, skont il-paragrafu 4.12 ta' l-ewwel kuntratt r-ragel kien obbliga ruhu li jhallas manteniment ta' LM175 fix-xahar; LM50 ghal kull tifla u l-kumplament LM75 ghall-mara. Dan il-paragrafu gie emendat bil-kuntratt sussegwenti tal-10 ta' Gunju 2010, billi r-ragel obbliga ruhhu li jhallas Euro 232 fix-xahar, l-ekwivalenti ta' £M100, manteniment ghall-ulied biss, Euro 116 fix-xahar ghal kull wahda minnhom.

Ikkunsidrat;

## ACCESS TAL-MISSIER

L-attrici qed titlob li l-klawsola 4.5 fil-kuntratt tigi emendata fis-sens li l-access tal-missier ghat-tfal ghandu jkun stabbilit b'mod car u li dan ghandu jkun bejn il-Gimgha fil-ghaxija sal-Hadd fil-ghaxija filwaqt li ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settemembru japplikaw id-disposizzjonijiet tal-klawsola 4.7, cioe' li jirrisjedu mal-missier ghal gimgha kull xahar, u li l-missier jkollu access addizzjonali fil-Milied, f'Jum il-Missier u f'gheluq sninu u tat-tfal. Qed titlob ukoll awment fil-

manteniment ghat-tfal billi dak li l-missier obbliga ruhhu li jhallas fuq il-kuntratt mhux sufficjenti ghall-htigijet prezenti taghhom.

L-attrici taqbel li bhala regola il-missier jiehu lit-tfal il-Gimgha u jirritornhom il-Hadd izda tilmenta mill-fatt, li billi fil-kuntratt il-missier inghata d-dritt ta' access liberu bla ebda kondizzjoni hlief li jaghtiha preavviz ta' 24 siegha, okkazzjonalment l-konvenut jinformaha fl-ahhar mument li mhux ser jirritornhom u li ser izzommhom gurnata jew tnejn izjed u partikolarment fis-sajf johodhom l-Erbgha u jirritornhom il-Hadd. Fis-sajf ukoll billi ghandu dritt izommhom ghal gimgha shiha, wara li jkun mieghu mill-Erbgha sal-Erbgha ta' wara, l-ghada l-Hamis javzha li ser jerga jigborhom il-Gimgha, li jfisser li fi hmistax ikunu ma'ommhom anqas minn 48 siegha.

Irrizulta mill-provi li generalment fi tmiem il-gimgha t-tfal jkunu mal-missier li joqghod Pembroke. Hemmhekk ikollhom l-opportunita', Naomi li titrenja l-football fejn irrizulta li tipprometti hafna u Jessica  tattendi regolarment il-Youth Centre tal-Gzira. L-omm toqghod Marsascala u ma ssuqx. M'hemmx dubbju li t-tfal illum draw jghixu ma' missierhom fil-weekend fejn jipprattikaw u jattendu ghall-attivitajiet li jghogbuhom, certament mhux fl-ahhjar interess taghhom li jigu prekluzi minn dawn l-attivitajiet. Dan tirrikonoxxieh l-istess attrici li ddikjarat li hi disposta taccetta li t-tfal jibqghu jmorru ghand il-missier fil-weekend, pero' fil-weekend biss u minn hin sa hin miftiehem u specifikat.

Il-provi li pproduca l-konvenut jikkonfermaw l-attendenza tat-tfal ghal dawn l-attivitajiet u li t-tfal qed jibbenifikaw minnhom. Il-qassis li jmexxi il-Youth Centre tal-Gzira, Dun Karm Tanti, ikkonferma li ghallkemm fil-bidu Jessica kienet kemxejn rizervata, biz-zmien bdiet tidhra u bdiet tintegra u tissocjalizza ma guvintur u xebbiet tal-eta' taghha.

Dorita Agius, li hi inkarikata mit-team tan-nisa tal-football ta' Pembroke Athleta, kkonfermat li Naomi tant tipprometti li wera interess fiha id-Direttur Tekniku tat-team nazzjonali.

Effettivament mhux kontestat mill-partijiet li uliedhom ghandhom jibqghu jattendu ghal dawn l-attivitajiet, l-attrici tikkontesta biss il-fatt li l-konvenut mhux marbut b'hinijiet, la x'hin jigborhom u l-anqas x'hin jirritornhom u dan jikkreja incertezza li mhiex ta' gid la ghal minuri u lanqas ghall-adulti..

Fil-fehma tal-Qorti dak li ilu jsehh is-snin fi tmiem il-gimgha ghandu jigi regolat b'din is-sentenza fis-sens illi l-missier jigbor lit-tfal mill-iskola l-Gimgha fit-3.45pm u jirritornhom fir-residenza tal-attrici l-Hadd fis-6pm. Naturalment jekk it-tfal ma jkollhomx skola il-gurnata tal-Gimgha jigborhom fl-istess hin mid-dar tal-attrici.   Tali access fi tmiem il-gimgha ilu jigi ezercitat is-snin bi ftehim bejn

il-partijiet fid-dawl ta’ klawsola 4.5 (fol. 7) il tipprovdi illi “The Husband shall have free access to the Minor Children byu giving due notice twenty-four (24) hours beforehand to the Wife when exercising access”. Huwa evidenti mill-provi mressqa illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-access ikun regolat ahjar u mhux imholli fid-diskrezzjoni assoluta ta’ wiehed jew wahda mill-genituri. Fil-fatt kienu l-istess partijiet li gharfu li l-istabilita’ f’dan l-aspett tal-hajja tal-minuri hija essenzjali. Iz-zewg partijiet huma konxji illi ir-rutina fil-modalita’ tar-residenza u access hija essenzjali ghall-isvilupp san taz-zewg minuri.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza u qed tikkonkludi illi klawsola 4.5 tal-kuntratt tas-27 ta’ Jannar 2007 ghandha tigi kancellata u sostitwita bil-klawsola segwenti:

“The Husband shall have access to the Minor Children every week from Friday from the time they finish school, or from 3.00pm when they have no school, till Sunday at 6.00pm”

Il-partijiet ftehmu fil-kuntratt li l-missier izomm lit-tfal mieghu ghal gimgha shiha fix-xhur ta’ Lulju, Awwissu u Settembru. L-attrici tilmenta illi gialadarba l-missier ghandu d-diskrezzjoni li jaghzel hu dawk il-gimghat, jekk il-gimgha ta’ access minnu maghzula tibda min-nofs il-gimgha jwassal sabiex wara gimgha access favur il-missier, f‘anqas minn jumejn jerga johodhom ghal tmiem il-gimgha kollu.

Huwa evidenti illi meta kien qed jigi ppubblikat il-kuntratt fis-27 ta’ Jannar 2007 ma kienx qed jigi prospettat illi mill-Gimgha sal-Hadd ta’ kull gimgha mill-ewwel ta’ Jannar sal-ahhar ta’ Dicembru it-tfal ser ikunu mal-missier. Ghalhekk una volta f’kull tmiem il-gimgha t-tfal qed ikunu mal-missier huwa xieraq li dan jittiehed in konsiderazzjoni fl-ezercizzju tat-tlett gimghat separati ta’ access fix-xhur ta’ Lulju, Awwissu u Settembru.

Klawsola 4.7 timmerita li tigi emendata fis-sens li jizdieu l-kliem “Each week of access shall start from Sunday at 9.00 am and finishes the following Sunday at 7.00pm. There must be a gap of two weeks between one week of access and another”.

Peress li ma giex regolat fil-kuntratt huwa mehtieg li jigi stipulat li f’gheluq snin il-missier huwa jkollu access versu l-minuri bejn id-9am u is-7pm kemm-il darba l-gurnata ma tinzertax fil-weekend meta jkunu mieghu. L-istess ghandu japplika ghall-attrici, li zzomm lit-tfal maghha f’gheluq sninha anke meta il-gurnata tkun fil-weekend. L-istess ghandu japplika ghall-Jum il-Missier u Jum l-Omm.

Hemm qbil bejn il-partijiet illi fil-gurnata tal-Milied, it-tfal iqattghu il-gurnata ma' missierhom u lejliet il-Milied ma' ommhom. Jista' jizdied ukoll li fil-gunata ta' l-Ewwel tas-Sena joqghodu mal-omm u lejliet l-Ewwel tas-Sena joqghodu mal-missier . Ghalhekk il-Qorti tordna li tizdied stipulazzjoni f'dan is-sens.

MANTENIMENT

L-attrici qed titlob zieda fil-manteniment ghall-minuri stipulat fil-kuntratt peress li ssostni illi l-bzonnijiet tal-minuri zdiedu minn dakinhar tal-kuntratt.

Irrizulta li l-konvenut ghandu dhul medju ta' madwar Euro 19,000 fis-sena bhala suldat fil-Forzi Armati ta' Malta, apparti li okkazzjonalment ghandu dhul addizzjonali meta jzomm studenti alloggjati f'daru. Il-manteniment li jhallas lill-attrici ghall-ulied, kif korrettement iddikjara l-istess konvenut mhux l-unika kontribuzzjoni tieghu favur l-ulied, peress li prattikament nofs il-granet ta' kull sena uliedu jirrisjedu mieghu u jhallsillhom ghall-htigijiet kollha taghhom, bhal ikel, ilbies, attivitajiet sportivi u socjali u pocket money. Ihallas ukoll nofs l-ispejjez medici u tal-edukazzjoni tat-tfal ghalkemm nqala' xi disgwid bejn il-partijiet dwar dawn billi l-konvenut jinsisti li mhux biss jara r-ricevuta izda anke l-oggetti li jkunu inxtraw; u jinsisti li ma jhallasx jekk il-medicini jinghataw b'xejn.

L-attrici ma tahdimx, ghandha zewgt it-tfal ohra minn ragel iehor, wiehed mit-tfal jbaghti b'dizabilita', tircevi beneficcji socjali ta' circa Euro 660 fix-xahar u tircevi sussidju ghall-kera u ghall-kontijiet tad-dawl u tal-ilma.

Bhala regola it-tfal ikunu maghha mill-Hadd fil-ghaxija sal-Gimgha wara nofs in-nhar. Dok E Fol 40 hi elenku tal-ispejjez tal-attrici ghaz-zewgt itfal minuri tal-partijiet. L-attrici tikkalkola li tonfoq Euro 9,840 fis-sena. Dwar dan l-elenku ghandu jigi rilevat li certi partiti bhal kera u kontijiet tad-dawl u l-ilma jirreferu ghal kull minn jokkupa ir-residenza tal-attrici u mhux biss ghal ulied il-partijiet.

Mill-banda l-ohra il-kontibuzzjoni tal-konvenut hi ta' Euro 232 fix xahar ghaz-zewgt itfal li f'sena jammontaw ghal Euro 2784.

**IL-LIGI u GURISPRUDENZA.**

**L-artikolu 59 tal-Kapitolu** 16 jipprovdi hekk;

***(1) Il-firda personali tista', bis-setgha tal-qorti permezz ta' digriet skont l-artikolu 35, issir bil-kunsens tat-tnejn, b'att pubbliku.***

***(2) Il-qorti ghandha, qabel ma taghti din is-setgha, twissi lill-partijiet dwar dak li ggib maghha il-firda, u tfittex li tirrikonciljhom, u tista' thassar, tvarja u ddahhal dawk il-kondizzjonijiet li hija thoss xierqa.***

***(3) Dan id-digriet ghandu l-istess effetti ta' sentenza tal-qorti kompetenti***

Hekk jirrizulta li sar f'dan il-kas, billi l-kuntratt ta'separazzjoni hu iffirmat mill-Imhallef flimkien ma ' digriet ta' awtorizzazzjoni, apparti l-partijiet u n-Nutar.

**L-artikolu 992 tal-Kapitolu 16** jghid hekk:

***(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi***

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet" **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg"** deciza fit-30 ta' Novembru 2012:

"F'materja ta' hlas ta' manteniment in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta' anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja".

L-attrici f'din il-kawza tallega li ma kenitx assistita minn Avukat fil-mument li resqet ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Tali raguni ma hiex legalment fondata ghall-finijiet tal-mertu tal-kawza odjerna.

Legalment hemm distinzjoni bejn manteniment Ex Contractu u manteniment stabbilit giudizzjarjament. Fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Vella vs Mario Vella**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1996 gie dikkjarat illi meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kas ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti.

Fi zmien aktar remot il-Qrati taghna segwew il-linja rigida, li dak miftiehem mill-partijiet ma ghandux jinbidel jekk mhux bil-kunsens taghhom. Pero' sussegwentement, in virtu' tal-principju "ad impossibilia nemo tenetur", f'cirkostanzi eccezzjonali, meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-

parti tonora l-obbligi kuntrattwali, ikun hemm flessibilita' mill-Qrati. Il-kas klassiku hu meta r-ragel, fuq il-kuntratt ta' separazzjoni jobbliga ruhhu li jhallas manteniment f'ammont retattivament gholi u sussegwentement jkun vittma ta' incident bil-konsegwenza li jitlef l-impieg tajjeb li kellu, u jsib ruhu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment minnu accettat fuq il-kuntratt.

Fil-kawza gia' citata fl-ismijiet "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" ntqal is-segwenti;

"Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha il-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu.

Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu"fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftiehem bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta revizjoni ta' manteniment pattwit, fil-waqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika ukoll bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur", li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipola li hwejjeg impossibli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."

Fil-kas in ezami, ma irrizultatx dik c-cirkostanza eccezzjonali, indipendenti mill-volonta' tal-partijiet, li taghmilha impossibbli ghal omm li tonora l-obbligu kuntrattwali minnha assunt fil-konfront tal-minuri

L-attrici kienet gia' minghajr impieg meta resqet ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Ghalhekk ma hemmx raguni valida sabiex il-Qorti tintervjeni u taghmel ezercizzju mill-gdid tal-htigijiet u l-mezzi.

Il-Qorti pero' tosserva illi irrispettivament jekk il-quantum tal-manteniment stipulat kienx jew hux adegwat, naqsu milli jistipulaw illi l-manteniment fl-interess tal-minuri jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja u dan sabiex almenu il-"purchasing power" tal-ammont pattwit jigi protett.

Ghalhekk il-Qorti qed tordna illi klawsola 4.12 tal-kuntratt ghandha tigi emendata sabiex jizdiedu l-kliem. "Maintenance hereby agreed shall increase every two years according to the index of the cost of living." Tordna li tali klawsola jkollha effett mis-16 ta' Lulju 2014, il-jum li fih giet intavolata l-kawza odjerna, u cioe' b'effett mis-16 ta' Lulju 2014 ghandu jsehh l-ewwel awment komparat mas-sena 2007, is-sena tal-ewwel kuntratt.

**DECIDE.**

Ghal dawn ir-raguijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' in parte u tichad in parte l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut in linea ma' dak hawn deciz u tilqa' parzjalment it-talbiet attrici bil-mod segwenti:

1. Tordna li jsiru emendi ghall-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Jannar 2007 kif sussegwentement emendat billi jizdiedu l-klawsoli referibbli ghall-access tal-missier u tal-omm kif fuq ordnat taht l-intestatura "Access tal-Missier"

2. Tordna li ssir emenda ghall-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Jannar 2007 kif sussegwentement emendat billi tizdied klawsola referibbli ghall-manteniment tal-minuri kif ordnat taht l-intestatura "Manteniment".

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Henri Darmanin sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv u lill-Avukat Dottor Joseph Zammit bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjez tal-kuntratt u tal-kuratur jithallsu miz-zewg partijiet nofs kull wiehed u wahda.

**Imhallef** **Deputat Registratur**